## L-Assedju l-Kbir tal-1565 (6)

# IL-POSTA TA' KASTILJA FL-ASSEDJU L-KBIR



JOSEPH SERRACINO




l-Armata Torka tipprepara biex tattakka s-Swar ta' Kastilja

M'hemmx l-iċken dubju li kitbiet dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565 għadhom iqanqlu interess kbir fost il-poplu tagħna u jaffaxxinaw ħafna lil dawk li għandhom għal qalbhom l-Istorja ta' Malta. Fil-kitba tal-lum se nikkonċentra l-aktar fuq il-ġlied aħrax, sider ma' sider li sar mill-kavallieri u s-suldati Maltin mat-Torok fuq is-swar tal-Posta ta' Kastilja fil-Birgu, iżda ma ninsewx li fl-istess ħin u waqt, is-swar tal-Isla kienu qegħdin jiġu assedjati minn eluf ta' suldati Torok...

Qabel ma nitkellmu dwar it-taqbid li sar fuq il-Posta ta' Kastilja, tajjeb li nerġgħu nqallbu l-paġni tal-Istorja u nsegwu l-avvanzata tal-armata Torka lejn il-bliet tal-Birgu u l-Isla. L-għada tal-iżbark tagħhom f'Marsaxlokk (21 ta' Mejju), it-Torok riedu juru l-qawwa u l-kobor tal-armata tagħhom u bdew resqin bil-kanuni tagħhom lejn l-Isla u l-Birgu. Fuq l-ogħla postijiet li jdawru dawn iż-żewġt ibliet huma ppustaw il-batteriji tagħhom b'kanuni kbar minn fejn setgħu faċilment jattakkawhom. Fuq id-direzzjoni tal-Ġeneral Mustafa Baxa, huma ppustaw batterija ta' kanuni kbar fuq l-Għolja tas-Salvatur u oħra fil-Kalkara minn fejn setgħu jimbumbardjaw lill-Forti Sant' Anġlu u s-swar tal-Birgu li kienu jħarsu lejn il-Kalkara, batterija kbira oħra ġiet ippustata fuq l-Għolja ta' Santa Margerita biex permezz tagħha jimbumbardjaw is-swar tal-Birgu li kienu faċċata ta' Bormla, batterija oħra fuq l-Għolja ta' San Gwann t'Għuxa biex biha jattakkaw lis-swar tal-Birgu u tal-Isla li kienu jħarsu lejn Bormla waqt li batterija kbira oħra ġiet ippustata fuq l-Għolja ta' Kordin biex it-Torok ikunu jistgħu jattakkaw lis-swar tal-Isla li jagħtu għax-xaqliba ta' Daħlet il-Franċiżi. Barra dawn il-batteriji, it-Torok ippustaw żewġ batteriji oħra, waħda f'Ras Ħanżir biex jimbumbardjaw is-swar tal-Ponta tal-Isla u oħra kbira fuq l-Għolja Xebb-ir-Ras (ftit 'l fuq minn Victoria Gate) biex biha jimbumbardjaw lill-Forti Sant' Anġlu u s-swar li jdawru l-Ponta tal-Isla.

L-istoriċi jgħidulna wkoll li wara nofs nhar it-Torok niżżlu l-armata tagħhom quddiem is-swar tal-Isla u l-Birgu, u fost id-daqq ta' tnabar, għajjat li jtarrax u tixjir ta' bnadar bdew jisparaw bl-ixkubetti u l-vleġeġ tagħhom lejn is-swar. Din il-wirja ta' saħħa ma qatgħetx qalb is-suldati Maltin u lanqas dgħajfet il-moral qawwi tal-kavallieri. Fil-fatt, l-avvanz tal-armata Torka ġie milqugħ minn battaljun ta' 600 ruħ tal-fanterija u l-kavallerija taħt il-kmand tal-Marixxal Coupier. Il-Balliju Negroponte u l-Kommentatur De Guares ħarġu lin-nies tagħhom mill-bieb tal-Isla, il-kavallier Romegas ħareġ bir-riġment tiegħu mill-bieb ta' Provenza waqt li l-kaptan Medrano ħareġ b'riġment ieħor mill-bieb ta' Kastilja. Dawn ir-riġmenti tqabdu mat-Torok li kienu ffurmati mill-Ġannizzari u mill-Ispahi u bdew jisparaw fuqhom biex ma jħalluhomx javvanzaw lejn is-swar. Jingħad li din taqtigħa mdemmija damet sejra aktar minn ħames sigħat u li fiha nqatlu ħafna Torok.

Matul dan it-taqbid Mustafa Baxa, l-Ammirall Pjali u l-ġenerali tagħhom kienu qegħdin josservaw l-andament tal-ġlied minn fuq l-Għolja tal-Salvatur. Meta Mustafa ntebaħ li ż-żewġ kavallieri De Riviere u Faraone, li kienu nqabdu priġunieri mis-suldati tiegħu wara li sfaw feruti f'taqtigħa mdemmija fil-jum ta' qabel fiż-Żejtun kienu daħku bih meta qalulu li s-swar ta' Kastilja kienu l-aktar swar dgħajfa fil-Birgu ordna li ż-żewġ kavallieri jinqatlu.

Xi storiċi jsostnu li l-eqqel bumbardamenti u l-eħrex attakki li saru matul l-Assedju l-Kbir saru fuq il-Forti San Mikiel u s-swar ta' Kastilja fil-Birgu. Wara diversi assalti ħorox mill-art u l-baħar u bumbardamenti kontinwi lejl u nhar mill-batteriji li t-Torok kellhom fuq l-Għolja ta' Kordin u fuq Sant' Ġwann t'Għuxa, fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla, u l-bumbardamenti qliel fuq il-forti ta' Sant' Anglu u fuq is-swar tal-posta ta' Kastilja mill-batteriji li t-Torok kellhom fuq l-Għoljiet tas-Salvatur, tal-Kalkara u ta' Santa Margerita partijiet kbar mis-swar bdew jiġġarrfu.

Fis-7 ta' Awissu Mustafa u l-ġenerali tiegħu ddeċidew li jagħmlu attakk ġenerali fuq iż-żewġ fortizzi. Il-ġenerali Torok kienu tal-fehma li jekk jirbħu lill-Isla huma setgħu jidħlu fil-Birgu billi jaqsmu l-baħar. B'dan il-ħsieb f'moħħhom, wara sensiela ta' bumbardamenti fuq is-swar huma attakkaw is-swar tal-Forti San Mikiel u tal-Isla mill-art u l-baħar bi 8,000 suldat u fl-istess ħin attakkaw lis-swar ta' Kastilja b'4,000 suldat ieħor.

L-attakki fuq il-Posta ta' Kastilja kienu qliel ħafna u matulhom mietu ħafna suldati, l-aktar Torok. Aktar ma beda għaddej ħin, aktar l-attakki bdew joktru u jiħraxu. F'ħin minnhom, bejn attakk u ieħor it-Torok taw in-nar lill-mina li huma kienu ħaffru taħt is-swar tal-posta ta' Kastilja, u mal-isplużjoni nfetħet prexxa (passaġġ) fis-swar. Iżda l-kavallieri u l-suldati Maltin ma tilfux rashom, u bi qlubija kbira komplew jiddefendu s-sur f'taqtigħa ħarxa sider ma' sider ma' mijiet ta' Ġannizzari Torok, li mal-isplużjoni ġrew lejn il-fetħa fis-sur u ppruvaw jidħlu fil-belt. Fost għajjat li jtarrax u taqbid li jwaħħax, l-Insara rnexxielhom irażżnu l-qilla tat-Torok, iżda f'ħin minnhom it-Torok irnexxielhom jegħlbu r-reżistenza qalbiena tas-suldati Nsara, telgħu fuq is-sur tal-Posta ta' Kastilja u taw is-salt biex jidħlu fil-Birgu.

Mal-isplużjoni tal-mina wieħed mill-kavallieri ġera lejn il-pjazza tal-Birgu u talab lill-Gran Mastru biex minnufih jibgħat is-suldati tiegħu jgħinu lid-difensuri jrażżnu l-avvanz tal-għadu Tork li kien tela' fuq is-sur tal-Posta ta' Kastilja. Beżgħan li t-Torok setgħu minn ħin għall-ieħor jidħlu fil-belt, il-Gran Mastru ħataf lanza b'idejh u waqt li dar fuq il-kavallieri u s-suldati li kellu madwaru, b'kuraġġ kbir u bi kliem li jqanqal ħeġġiġhom biex imorru miegħu fil-post taqbid u hemmhekk imutu għal Kristu.

Kliem il-Gran Mastru tant qanqal lill-kavallieri u s-suldati li kellu madwaru li b'kuraġġ kbir fuqhom ġrew lejn il-Posta ta' Kastilja u b'qilla kbira nxteħtu fuq it-Torok, li mifxula bil-ħeġġa u l-qlubija tal-Insara reġgħu rtiraw lejn it-trunċieri tagħhom u b'hekk l-assedju mdemmi fuq is-swar tal-Posta ta' Kastilja spiċċa b'rebħa kbira għall-Insara.



Is-Swar tal-Isla - il-bażi tal-alloġġ tat-Tarzna hi parti mill-Forti San Mikiel

F'din it-taqbida l-Gran Mastru La Vallette ġie ferut f'riġlu aktarx minn xi laqxa mtajra minn balla. Kien proprju f'waqt dan il-ħbit aħrax li kien qiegħed isir fuq is-swar ta' San Mikiel u s-swar tal-Birgu li l-kavallerija ħarġet mill-Imdina, niżlet il-Marsa u attakkat it-tined tat-Torok u qatlet lis-suldati morda u lill-feruti li sabet fihom, b'konsegwenza li t-Torok meta ntebħu li t-tined tagħhom fil-Marsa ġew attakkati, tħawdu għax ħasbu li kienet waslet l-għajnuna minn Sqallija, u fost fixkla kbira waqqfu l-attakki tagħhom fuq l-Isla u l-Birgu, irtiraw lejn it-trunċieri tagħhom u lestew ruħhom għal li jista' jinqala'.

L-irtirar tat-Torok kien ta' soljiev kbir għall-Insara, għax is-swar tal-Birgu li kienu jħarsu lejn Bormla kienu kważi mġarrfin kollha, u t-Torok, kull meta kienu jattakkawhom kienu kważi jistgħu jibqgħu deħlin fil-Birgu. Minħabba l-qagħda ħażina tal-fortifikazzjoni, il-Gran Mastru La Valette ngħata l-parir biex il-Birgu jiġi abbandunat u jirtiraw fil-Forti Sant' Anġlu, iżda l-Gran Mastru mill-ewwel oppona dan is-suġġeriment, għax fehem li kieku kellu jaċċettah, l-Isla wkoll kienet tintilef. Biex żgur il-kavallieri u s-suldati jkomplu jiddefendu lill-Birgu, huwa ta ordni li jiġi mġarraf il-pont bejn Sant' Anġlu u l-Birgu u l-id ta' San Ġwann tibqa' fil-knisja ta' San Lawrenz.

Fil-jiem ta' wara t-Torok komplew bil-bumbardamenti u b'diversi attakki oħra fuq is-swar tal-Birgu u tal-Isla, iżda l-aktar attakk qawwi fuq skala akbar minn dak li sar fis-7 ta' Awissu seħħ fl-20 ta' Awissu, meta din id-darba, l-armata Torka kienet taħt il-kmand suprem ta' Mustafa Baxa. Kien ġie deċiż li jsir attakk ġenerali mill-art u l-baħar fuq iż-żewġ fortizzi bit-tama li jirbħu waħda minnhom. Wara sigħat ta' taqbid immdemmi, is-suldati Ġannizzari rnexxielhom jidħlu fis-swar ta' Kastilja. F'taqtigħa mdemmija li damet sejra madwar tliet sigħat, it-Torok irnexxielhom jimbuttaw lid-difensuri Nsara 'l ġewwa mis-swar. L-aħbar li t-Torok daħlu fil-fortizza ġriet bħal berqa mal-Birgu kollu u qajmet paniku kbir fost il-poplu tal-belt.

Din id-darba wkoll il-Gran Mastru La Vallete bis-suldati u l-poplu warajh ġera lejn il-Posta ta' Kastilja, u waqt li bix-xabla f'idu daħal f'nofs it-taqbida huwa beda jħeġġeġ lid-difensuri biex ikomplu jiddefendu s-swar u jmutu għall-fidi ta' Kristu. Il-qlubija tax-xwejjaħ Gran Mastru kebbset ħeġġa kbira lis-suldati li b'kuraġġ tal-għaġeb u b'qilla kbira fuqhom intefgħu fuq it-Torok u qatlu bosta minnhom. Dawk li rnexxielhom jaħirbu mill-qilla tad-difensuri tilfu ħajjithom taħt id-daqqiet tax-xwabel tal-kavallieri li b'ħeġġa u bi qlubija kbira bdew jiddefendu lill-Gran Mastru u bil-balal tal-azzarini tas-suldati.

Għalkemm din ir-rebħa kompliet qawwiet qalb il-Gran Mastru u wriet tabilħaqq kemm kienu qalbiena s-suldati Maltin, huwa kien jaf li s-swar ma kinux jifilħu aktar għal bumbardamenti kontinwi tal-għadu Tork, u li l-għajnuna mmedjata minn Sqallija biss setgħet twaqqaf l-assedju li issa kien daħal fit-tielet xahar tiegħu. Huwa kien jaf wkoll li għalkemm it-Torok kienu tilfu eluf kbar ta' suldati, b'danakollu huma kienu għadhom b'saħħithom biżżejjed biex jinfurzaw assedju fit-tul li finalment seta' rrebbaħhom il-gżira.

Iżda x-xwejjaħ Gran Mastru li minn dejjem kien devot kbir tal-Madonna, ħalla f'idejha d-destin ta' Malta u l-Ordni tiegħu. Wara aktar bumbardamenti qliel fuq is-swar mġarrfin tal-Isla u tal-Birgu, fis-7 ta' Settembru, lejlet il-festa tat-twelid tal-Madonna, il-Gran Mastru rċieva l-aħbar li l-għajnuna minn Sqallija taħt il-kmand ta' Don Garcia kienet waslet u żbarkat f'Marfa u bdiet nieżla lejn l-Imdina.

Meta l-aħbar tal-wasla ta' l-eluf ta' suldati Nsara waslet f'widnejn it-Torok, dawn abbandunaw it-trunċieri tagħhom u ġrew lejn il-Marsa u l-Għolja Xebb-ir-Ras L-għada, it-8 ta' Settembru, fil-knisja ta' San Lawrenz, il-Gran Mastru flimkien mal-kavallieri u l-Maltin irringrazzjaw lil Alla bil-kant tat-Te Deum għar-rebħa kbira li tahom f'jum it-twelid ta' Omnna Marija.



Aktarx kif kienu jilbsu s-suldati Torok fiż-żmien l-Assedju ta' Malta